**6. Il-Ministru ta' l-Ekonomija u l-Finanzi l-Onor. Lino Spiteri ppropona:-**

Billi huwa provdut fl-artikolu 3 ta' l-Att ta' l-1952 dwar il-Bills tat-Teżor ta' Malta li l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista', kull meta jkun awtorizzat għal hekk b'Riżoluzzjoni tal-Kamra tar-Rappreżentanti, jikseb flus ta' ammont mhux aktar minn dak speċifikat f'dik ir-Riżoluzzjoni permezz tal-ħruġ ta' Bills skond l-imsemmi Att;

U billi huwa espedjenti illi jinħareġ ammont ta' Bills tat-Teżor mhux aktar minn Lm200,000,000 (mitejn miljun lira Maltin) għall-ħtiġijiet finanzjarji ta' l-operat tal-Gvern;

Issa, għalhekk, jiġi riżolut li l-Ministru ta' l-Ekonomija u l-Finanzi jiġi awtorizzat jagħmel ħruġ ta' Bills tat-Teżor għal ammont ta' mhux iżjed minn Lm200,000,000 (mitejn miljun lira Maltin) skond id-dispożizzjonijiet ta' l-imsemmi Att ta' l-1952 dwar il-Bills tat-Teżor ta' Malta.

05.12.96